Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

A.Micallef Trigona LL.D (Mag.Juris EU Law)

Illum 18 ta’ Jannar 2017

Il-Pulizija
(Spetturi Joseph Mercieca u Michael Mallia)

vs

David Gatt

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita 74670m.

Talli fil-5 ta' Dicembru, 2010, u/jew fil-jiem, u/jew fix-xhur u/jew fis-snin ta' qabel din id-data, f'dawn iI-Gzejjer:

1. ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja ghaqda ta' zewg persuni jew aktar bil-hsieb li jaghmlu reati kriminali li ghalihom jistghu jehlu l-piena ta' prigunerija ghal zmien erba' snin jew iktar;
2. appartjena ghal-ghaqda msemmija fis-subartiklu(1) tal- Artikolu 83A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. f'Malta, assocja ruhu ma xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt f'Malta Ii ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, u li ma hux delitt taht l-Att dwar l-Istampa;

Iktar talli fil-5 ta’ Dicembru 2010 u/jew fil-jiem, u/jew fix-xhur ta’ qabel din id-data, f’dawn il-Gzejjer:

4. rrenda ruhu komplici f'tentattiv ta' serq aggravat fuq il-persuna ta' Michael Mizzi, li sehh nhar it-3 ta' Dicembru, 2010, ghall- habta tat-5.15 ta filghaxija, fi Triq il-Linja, Attard u liema serq, li kieku sehh, kien ikkwalifikat bil-vjolenza ai termini tal-Artikolu 262(1)(a)(b), bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u seba' w tletin centezmu (€2329.37), u bil-hin, ghad-dannu tas-socjeta' ‘GoldMarket’ u/jew ta' persuna/i w/jew ta' entita' jew entitajiet ohra;
5. rrenda ruhu komplici ma persuni ohra mhux maghrufa fis-serq aggravat immedjatament fuq imsemmi, u cioe' talli bla ordni skond il-ligi ta' I-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet Ii fihom il-ligi taghti s-setgha liII-privat Ii jarresta lill-hati, gew arrestati, mizmuma jew issekwestrati l-persuni ta' Michael Mizzi u Silvio Mizzi kontra il-volonta' taghhom;
6. xjentement, laqa' ghandu jew gieghel liI haddiehor li jilqa' ghandu persuna, cioe' Fabio Psaila, li kontra taghha hemm ordni ta' arrest ghal-reat suggett ghall-piena ta' prigunerija ghal aktar minn tliet xhur, inkella li l-Pulizija Esekuttiva qed tfittex sabiex tarrestah ghal dak ir-reat;

Iktar talli fit-2 ta’ Lulju 2010 u/jew fil-jiem, u/jew fix-xhur ta’ qabel din id-data, f’dawn il-Gzejjer:

7. rrenda ruhu komplici f'tentattiv ta' serq aggravat gewwa il- kwartieri centrali tal-HSBC Bank Malta plc, liema attentat ta'serq twettaq nhar it-30 ta' Gunju 2010 ghall-habta tas-7.45 ta' filghaxija, fi Triq il-Mithna, Qormi, liema serq, kieku sehh, kien ikkwalifikat bil-vjolenza ai termini tal-Artikolu 262(1)(a)(b), bil-mezz u bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u seba' w tletin centezmu (€2329.37) ghad- dannu tal-HSBC Bank (Malta) Plc u/jew ta' entita' jew entitajiet ohra;
8. rrenda ruhu komplici ma persuni ohra mhux maghrufa fis-serq aggravat immedjatament fuq imsemmi, u cioe' talli bla ordni skond il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet Ii fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, gew arrestati, mizmuma jew issekwestrati Jesmond Muscat, Ivan Azzopardi u PC1310, Domenic Bugeja, kontra il-volonta' taghhom;
9. xjentement, laqa' ghandu jew gieghel lil haddiehor li jilqa' ghandu persuna/i, cioe' lil Darren Debono u lil Vincent Muscat, li kontra taghhom kien hemm ordni ta' arrest ghal-reat suggett ghall-piena ta' prigunerija ghal aktar minn tliet xhur, inkella li l-Pulizija Esekuttiva kienet qed tfittex sabiex tarrestahom ghal dak ir-reat;

Ukoll, talli fl-4 ta' Jannar 2010 u/jew fil-jiem, u /jew xhur ta' qabel, u/jew wara din id-data;

10. rrenda ruhu komplici f'tentattiv ta' serq aggravat fuq vann tas-socjeta Security Service Malta Ltd., liema serq sehh nhar l-4 ta' Jannar, 2010, ghall-habta tad-9.30 ta' filghodu, fi Triq Hal Qormi, Santa Venera, liema serq, Ii kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenza ai termini tal-Artikolu 262(1)(a)(b), bil-mezz u bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin ewro u seba' w tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu tas-socjeta Security Service Malta Ltd. u/jew ta' entita' jew entitajiet ohra;

11. rrenda ruhu komplici ma persuni ohra mhux maghrufa fis-serq aggravat immedjatament fuq imsemmi, u cioe talli bla ordni skond il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, gew arrestati, mizmuma jew issekwestrati il-persuni ta' Joseph Mangion, Joseph Mallia u Carmelo Oliveri kontra il-volonta' taghhom;

Nakkuzawh ukoll talli fit-30 ta' Novembru 2007 u/jew fil-jiem, u/jew fix-xhur ta' qabel din id-data:

12. rrenda ruhu komplici f'serq aggravat gewwa il-fergha tal-HSBC Bank Malta plc fi Pjazza Bertu Fenech, Balzan, liema serq sehh nhar it-30 ta' Novembru, 2007, ghall-habta ta' 12.40 ta' wara nofsinhar, u liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza ai termini tal-Artikolu 262(1)(a)(b), bil-mezz u bil-valur, Ii jeccedi l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u seba' w tletin centezmu (€2329.37), u li sar ghad-dannu tal-HSBC Bank Malta plc u l-Bank Centrali ta' Malta u/jew ta' persuna/i w/jew ta' entita' jew entitajiet ohra;

13. irrenda ruhu komplici ma persuni ohra mhux maghrufa fis- serq aggravat immedjatament fuq imsemmi, u cioe' talli bla ordni skond il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, gew arrestati, mizmuma jew issekwestrati diversi persuni kontra l-volonta' taghhom;

14. fl-ahharnett, nakkuzawh ukoll talli fis-26 ta' Lulju 2010 u/jew fil-jiem ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer ma halliex lil persuna ohra, cioe' lill Dr John Zammit Montebello M.D. taghti t-taghrif jew provi mehtiega f'kawza kriminali, jew lil xi awtorita' kompetenti jew quddiemha;

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali (Folio 3675, Volum 26).

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat:

Ai termini tar-rinviju ghall-gudizzju l-Avukat Generali qieghed jakkuza l-imputat bis-segwenti reati:

- bir-reat ta' komplicita' f''serq aggravat bil-vjolenza, mezz u valur;
- bir-reat ta' komplicita' f'tentattiv ta' serq aggravat bil-vjolenza, mezz u valur;
- bir-reat ta' Associazzjoni ai termini tal-Artikolu 48A (Kap 9);
- bir-reat ta' promozzjoni ecc ta' ghaqda ta' zewg persuni jew aktar bil-hsieb li jaghmlu reat kriminali ai termini tal-Artikolu 83A (Kap 9);
- bir-reat li ma jhallix li jinghata taghrif jew prova mehtiega ai terminu tal-Artikolu 111/1 (Kap 9)

Intant, il fuq imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma segwitu ta' allegazzjonijiet maghmula kontra tieghu mill-Kuntistabbli 99 Mario Portelli lill-awtoritajiet gholja fil-gerarkija tal-Pulizija, fosthom, lill-Kummissarju tal-Pulizija ta' dak iz-zmien, John Rizzo. Kien il-21 ta' Novembru 2010 li l-imsemmi kuntestabbli kien avvicina lid-Deputat Kummissarju Joseph Cachia li minhabba l-gravita' tal-allegazzjonijiet involva lill-Kummissarju, l-imsemmi John Rizzo. Dan ta' l-ahhar minnufih li gie mis-safar sema' lill-kuntistabbli, precisament fid-29 ta' l-istess xahar.

Pc99 xehed quddiem din il-Qorti fis-16 ta' Dicembru 2010. Fil-kors taghha jghid u hawnhekk il-Qorti sejra telenka u tenumera l-episodji saljenti li dan ix-xhud jirriferi ghalihom, senjatament:

i. tat-8 ta' Dicembru 2004 li fih l-imputat ghamillu rit, dak li l-Qorti fehmet bhala inizzazzjoni, li biha x-xhud, fi kliemu, hassu possedut;
ii. tal-attentat ta' fuq ic-centru 'Ruzar Briffa' (HSBC) ta' Hal-Qormi dwar liema x-xhud jghid li kien ix-xahar ta' Lulju, xi gimghat wara l-attentat, u kien iltaqa' mal-imputat gewwa ir-restaurant 'La Roma' f'Tas-Sliema, fejn l-imputat kien depress u qallu li kien 'l-iktar bniedem sfortunat fid-dinja' b'referenza ghal falluta serqa aggravata, u, zied jghidlu, li kien organizzha hu. Kompla jghid ix-xhud li kien hawn li l-imputat semmielu lit-tabib John Zammit Montebello fil-kuntest tal-feriment ta' Darren Debono fl-istess serqa;
iii. tal-attentat tal-4 ta' Jannar 2010 fuq vettura tal-'Malta Security Services' fir-rigward liema x-xhud jghid li l-imputat kien xi jiem wara l-kaz baghtlu messagg bic-cellulari fejn qallu "Estado sempre Cucurdo" b'referenza ghalih u meta kienu ltaqghu ftit wara ghal kafe' l-imputat kien rega irrimarkalu kemm kien sfortrunat u li jghamilha ma' nies inkapaci billi sostna li l-gaffa kellha tolqot lill-vettura fil-gemb taghha u mhux frontalment kif ghamlet;
iv. tas-serqa aggravata tal-fergha tal-Bank HSBC ta' Hal-Balzan dwar liema x-xhud stqarr li l-imputat kien qallu li kien hu li kien ta' parir lill-malviventi sabiex ixerrdu x-xaghar gewwa l-van biex issvijaw l-indagnijiet u talli kien tahom dan il-parir kienu tawh "ten". Kompla stqarr ix-xhud li l-imputat mar gewwa l-istess fergha "biex jiehdu f'ghajnu" u jssarraf dawn it-"ten" u hemmhekk iltaqa' mal-AC Calleja u l-Ispettur Mercieca waqt li zied qallu li l-AC Calleja kien induna ghalfejn kien dahal gewwa l-Bank;
v. ta' April ta' qabel ma sehh il-'hold up' tal-HSBC fejn talbu jivverifikalu jekk kienx hemm ritratt ta' xi hadd partikolari f'xi vettura tal-'mobile' u fl-istess waqt f'kamra

adebita bhala studju fl-appartament tal-imputat ippuntalu revolver ma' rasu waqt li qallu l-kliem "dalwaqt tisma' – Enter the Dragon" liema revolver kien tal-marka 'Ruger'.

vi. episodju iehor li jirrakkonta x-xhud sehh f'April tal-2009. Kienu qeghdin jieklu, presenti maghhom Fabio Psaila u f'xi hin b'referenza ghall-President Emeritus Fenech Adami, li kien wasal biex tispiccalu l-presidenza tieghu, x-xhud jghid li l-imputat lehhen il-kliem "issa wasal il-mument li nghalaqlu ix-xutter..ilni nissaportih hafna..taf kif naghlaqulu,hekk. U sabbat il-mejda". Kompla jghid ix-xhud li ghamel mezz gab in-numru telefoniku ta' Fenech Adami u cempillu fuq ic-celulari. Infurmah li hemm persuni li setghaw kienu qed jippjanaw li joqtluh. Dwar kif kien irnexxilu jgib in-numru, x-xhud qal li kienet waslet ghal idejh karta b'numri telefonici ta' diversi nies prominenti, fosthom tal-allura President ta' Malta.

Rega xehed 'viva voce' quddiem din il-Qorti fit-8 ta' Frar 2011 meta gie muri mill-Volum numru VI ritratt ta' pistola 'Ruger' li ikkonferma kienet simili ghal dik li l-imputat ippuntalu ma mohhu. Mill-bqija irrefera ghal-attentata serqa aggravata fuq c-Centru Ruzar Briffa u l-konsegwenti feriment fiha ta' Darren Debono u l-intercezzjoni tieghu mat-Tabib Zammit Montebello.

Intant, fit-3 ta' Dicembru 2010 huwa kien xehed quddiem l-allura Magistrat Giovanni Grixti fl-inkjesta li kienet infethet proprju fir-rigward "informazzjoni mghoddija minn Ufficjal tal-Pulizija dwar delitti serji kommessi recentement u fil-passat" – l-Ufficjal tal-Pulizija li jirrisulta hu ix-xhud PC99 Mario Portelli b'enfasi fuq l-imputat. Fil-kors ta' din ix-xhieda, ix-xhud isemmi incident li fih l-imputat kien spara tiri b'rivolver, li ried jipprova, lejn sigra u kien laqata' tant, li ix-xhud qal li kien innota li tqacctet bicca mill-qoxra taghha u fl-istess nifs ghamel referenza ghal qtil ta' Raymond Agius li kien sar f'Birkirkara ta' liema x-xhud inissel suspett li l-imputat seta' kien involut fih ukoll (ara folio 2197 et seq tal-Volum 22). Hawnhekk ix-xhud kien qed jirreferi ghal April tas-sena 2008. Oltre dan ix-xhud jirreferi ghal persuna li l-professjoni tieghu kien awditur li jimplikah fil-qtil ta' Birkirkara u fuq liema jghid li kien qallu li l-arlogg li kien tal-marka 'Rolex', li bhalu kellu wkoll l-imputat, kien misruq. Kaz iehor li jsemmi x-xhud hu dak meta marru jieklu f'xi restaurant fl-akwati tal-'Mistra Village' fejn esprima s-suspetti 'cari' tieghu li l-gestur kien traffikant tad-drogi dan anka ghaliex l-imputat kien qallu li kien itieh droga 'kemm irid' u sahhansitra zied jghid li kif kien qieghed iwasslu d-dar, l-imputat kien hareg borza bajda u offrielu li jiehu ftit. Fatt din tad-droga, li x-xhud isemmi f'okkazjoni meta kienu fl-appartament tal-imputat, presenti wkoll Fabio Psaila u Romeo Bone, fejn l-imputat kien hareg kaxxa li jghid kien fiha l-kokaina. Meta rega irrefera ghal President Emeritus, Eddie Fenech Adami, u t-telefonata biex javzah dwar is-suspetti tieghu fuq attentat fuq hajtu, fuq domanda kif kien akkwista in-numru telefoniku, b'mod aktar specifiku minn qabel, jghid li kien gabar karta b'numri telefonici ta' hafna nies prominenti fosthom il-ministri kollha, il-brigadieri, il-kummissarju, s-segretarji parlamentari u s-segretarji taghhom, minn mal-art biswit karozza tal-pulizija numru GM22, minn fuq gewwa il-garaxx tal-pulizija. F'dan l-istadju huwa rilevanti li jigi puntwalizzat li ix-xhud kien qieghed jixhed kemm mill-memorja u d-dikjarazzjoni li ghamel kif kien inizjalment mitlub mid-Deputat Kummissarju wara li kien irrapporta ghandu, liema dikjarazzjoni tinsab inserita fl-atti, u tikkonsisti f'sitt pagni miktuba. Fiha, u ripetuta viva voce quddiem l-allura Magistrat Giovanni Grixti, ix-xhud jirreferi ghall-incident meta l-imputat ippuntalu revolver tal-marka 'Ruger' ikkargat, ma' mohhu fl-istess kuntest, li l-imputat kien saqsieh biex jivverifikalu l-esistenza ta' xi ritratt ta' persuna f'xi vettura tal-iskwadra tal-mobile. Mill-bqija x-xhud jirreferi ghall-attentata serqa aggravata tal-HSBC, ta' incident ta' meta kien fuq d-dghajsa ta' Raymond Agius, maghruf bhala il-Maksar, u l-omicidju tieghu, tal-hruq fuq il-bieb ta' Saviour Balzan, tal-hruq ta' vettura ta' avukatessa mill-istess ufficju minn fejn kien jopera hu, jigifieri l-imputat, ta' xi hsara fuq propreta ta' gwardjan tal-habs, u l-hruq tal- Mercedes ta' Bertu Mizzi, ghal liema kien responsabbli l-imputat, dejjem skond kif jghid li qallu l-imputat.

Illi fuq ix-xhieda ta' dan il-kuntistabbli l-Qorti ser tieqaf hawn ghajr li tirreferi ghal xhieda ulterjuri li huwa ta' fl-inkesta appena riferuta fis-17 ta' Dicembru 2010 fejn ix-xhud isemmi

uniformi ta' pulizija li fiha ntuzaw buttini tal-uniformi tieghu ta' meta kien spettur u liema uniformi kienet intuzat fuq serq aggravat tal-Portomaso u wkoll tal-25 ta' Jannar 2011 li din il-Qorti mhux qeghda tqishom, it-tnejn li huma, ta' xi rilevanza partikolari ghal fini tad-decizjoni f'din il-kawza kontra l-odjern imputat.

Illi bla tlaqiq il-Qorti tafferma li hi u taqra x-xhieda tal-kuntistabbli, irrispettivament mill-konkluzjoni fl-inkjesta, hi tal-fehma li hi ghal kollox inattendibbli u mhux biss ghaliex gejja minn persuna li ttik l-impressjoni li hi esaltata u minfuha biha innifsa izda primarjament ghaliex l-istess xhieda tieghu tinsab kontradetta minn fatti materjali fejn fost l-iktar ekklatanti hemm l-allegat fatt tal-pistola ippuntata ma' ras il-kuntistabbli, l-isparatura fuq sigra fl'ghalqa tal-kuntistabbli x-Xlendi, u istanzi ohra imsemmija f'ittra tal-imputat, lill allura Kummissarju tal-Pulizija Pietru Pawl Zammit li tinsab a folio 2761 et seq. Apparti dan hemm esebit fil-Volum 26 il-file mediku tal-kwerelant li ma jixhidtx favorevolment fuq il-'forma mentis' tieghu.

Ikkonsidrat:

Trattati l-artikoli tal-ligi citati mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju, senjatament, f'dan l-istadju, mill-ittra (a) sad-(d), dawn jippotizzaw fihom is-serq aggravat jew l-attentat tieghu skond il-kaz izda f'kull kaz il-komplicita'. Fl-atti processwali jinsabu esebiti l-processi verbali relattivi ghall-kazijiet li ghalihom jirreferu l-imsemmija artikoli tal-ligi citati mill-Avukat Generali senjatament dak tas-serq aggravat mill-fergha tal-Bank HSBC ta' Hal-Balzan tat-30 ta' Novemru 2007, tal-attentat ta' serq aggravat tal-4 ta' Jannar 2010 fuq vann tas-Security Service Malta Ltd, tal-attentat ta' serq tat-30 ta' Gunju 2010 fuq il-kwartieri centrali tal-HSBC Bank Malta plc u tal-5 ta' Dicembru 2010 tal-attentat ta' serq aggravat fuq il-persuna ta' Michael Mizzi fi Triq il-linja Attard. Sintomatiku f'dawn hu il-fatt li l-imputat ma jikkonfigura mkien fl-ebda mill-processi verbali lanqas f'dak tal-attentat fuq il-kwartieri generali tal- HSBC li fih spicca ferut Darren Debono jew ukoll fuq l-attentat fuq il-persuna ta' Michael Mizzi fl-liema spicca milqut b'tiri tan-nar Fabio Psaila.

Illi l-Artikolu 42(d) tal-Kap 9 jipprovdi li "persuna titqies komplici jekk hija....b'xi mod li jkun, xjentement tkun ghenet jew asstiet lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ippreparat jew ikkunsmat" li fil-kaz in disamina jinkwadra filli l-imputat interceda ghal Darren Debono mat-tabib John Zammit Montebello. Dan Debono, wiehed mill-allegati malviventi li assaltaw il-kwartieri tal-Bank u safa' ferut f'haddejh fl-allegat assalt – 'allegat' stante li ma ngabitx a konoscenza tal-Qorti li dan Darren Debono gie effettivament u finalment misjub hati ta' dan ir-reat ghalkemm akkuzat. Dwar l-intercezzjoni tal-imputat ix-xhieda tat-tabib hija skjetta tali li ma thallix ebda dubbju li dan hu hekk. A skans ta' ripetizzjoni il-Qorti qeghdha taghmel referenza a folio 581 et seq tat-tielet Volum. Apparti dan pero' il-kwesit li ghandu jigi indirizzat hu jekk b'daqshekk tikkonfigurax il-komplicita' fl-imputat ghall-fatt biss tal-intercezzjoni. Hawnhekk, tistqarr il-Qorti, li ghalkemm f'kazijiet kongruwi, l-komplicita' tista' treggi ta' reat 'a se stante' fin-nuqqas li ma jkunx maghruf l-awtur, fil-kaz in disamina hija pero' nieqsa il-prova (almenu s'issa) li dan Debono gie ferut proprju f'dan assalt jew ukoll li kien wiehed mill-kompartecipi f'dan l-assalt fuq il-Bank; diversament nidhlu fi-ipotesi tas-supposizzjonijiet u spekulazzjonijiet li m'huwiex permissibbli. Apparti kollox imbaghad hi nieqsa l-prova tal "common design" element krucjali tar-reat ta' komplicita'.

Kwindi, l-akkuzi ta' serq u komplicita' migjuba fil-paragrafi (a) sa (d) skond in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali ma jinsabux pruvati b'daqstant li l-Qorti sejra tillibera lill-imputat minn tali akkuzi.

Ikkonsidrat:

Illi ai termini tac-citat rinviju ghall-gudizzju l-imputat huwa wkoll akkuzat talli ma hallix li jinghata taghrif jew prova mehtiega taht l-Artikolu 111 tal-Kap 9. Dan jaqra li "kull min ma jhallix lil persuna ohra taghti t-taghrif jew provi mehtiega f'kawza, civili jew kriminali, jew lil xi awtorita' kompetenti jew quddiema jehel meta jinsab hati ……". Huwa alkwantu ovvju li l-inklusioni ta' dan l-artikolu hu dirett lejn it-tabib Zammit Montebello fis-sens li l-Avukat Generali qed jghid li l-imputat ma hallihx jaghti t-taghrif jew provi mehtiega f'kawza kriminali li fiha gie imharrek biex jixhed. Dr Giglio ghall-imputat tratta il-punt minuzjosament u din il-Qorti ma tistax hlief taqbel mieghu illi r-reat in parola biex jissusisti jirrikjedi li tkun giet esercitata il-"coazione fisica o morale" fuq ix-xhud. Il-Qorti mhux qeghda tirriavvisa ebda 'coazione', ossija vjolenza, li l-imputat seta' esercita fuq it-tabib f'xi procediment li fih kien rikjest jixhed. Il-fatt li l-imputat qal lix-xhud 'issemminix' meta staqsih biex jassisti lill-imsemmi Darren Debono, fil-fehma tal-Qorti, ma jammontax ghar-reat in parola. Fit-trattazzjoni tieghu, l-Avukat imur ukoll oltre u fuq l-iskorta tal-gurista Falzon, tratta l-aspett tal-'prova necessaria' fil-kuntest tal-'giusta definizione della causa'. Il-Qorti wkoll waslet ghall-konkluzjoni li anke minn dan l-aspett r-reat taht ic-citat artikolu ma jreggix fic-cirkostanzi.

Ikkonsidrat:

Trattati l-ahhar zewg artikoli tal-ligi citati mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju, u cioe, l-Artikolu 48A u 83A(1)(2) tal-Kap 9 li jittrattaw rispettivament: " l-associazzjoni" u "il-promozzjoni ecc ta' ghaqda ta' zewg persuni jew aktar bil-hsieb li jaghmlu reat kriminali" huwa wisq car li ma jistghux jreggu fuq l-iskorta biss tax-xhud Pc 99 li din il-Qorti qieset ghal kollox inattendibbli, tali li nieqsa minn kull kredibilita minghajr imqarr xi prova ohra anka cirkostanzjali jew testimonjali. Dwar l-ewwel artikolu, ossija il-48A, m'hemm xejn, apparti Pc99, li anke cirkostanzjalment juri li l-imputat assocja ma xi persuna jew persuni anka barra minn Malta bil-ghan li jsir xi delitt f'Malta , idem fir-rigward l-Artikolu 83A tac-citat Kap 9.

Ghaldaqstant, tiddikjara l-imputat mhux hati u tilliberah.

A.M.Trigona
Magistrat